GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħat Nru. 24 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Hamis 19 ta' Awwissu 2010 fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji a) Petty Cash Lulju 2010;

   b) Skeda ta' Hlas Lulju 2010.
5. Il-Kuntratti;
6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 22 u 23 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

Dwar it-tenders item 8, is-Segretarju qalet li hi bagħatet ittra lill-Wilson Mifsud u lill-Ronald u Christopher Bezzina sabiex dawn jindikaw eżatt kemm se jkollhom nies jaħdmu fuq il-kuntratt tal-knis u x'makkinarju lesti li jużaw.

3. Dwar item 3.1 (Memo 95/2010) Inizjattivi ta' Attivitajiet, is-Segretarju ħeġġet il-Kunsill biex jibda jaħseb jekk kien se jorganizza x' attivitajiet. Il-Kunsillier Picco qal li fil-fuljett hu kiteb biex min ikun interessat ikun fis-sotto-kumitat tal-attivitajiet jikkuntattja l-Kunsill, iżda ħadd ma wera' nteress.
Is-Sinjura Agius staqsiet x'inhuma l-attivitajiet li għandu ħsieb li jagħmel. Il-Kunsillier Picco qal li l-ħsieb hu li ssir attivita' bi Snajja Antiki Maltin. Is-Sndku qal li fl-applikazzjoni jixtieq li jinkludi l-attivitajiet tal-Karnival ukoll.
Saret diskussjoni dwar liema xahar issir din il-laqgħa u sar ftehim li l-aħjar żmien ikun Ottubru.
Il-Viċi Sindku qal li l-ideja ġenerali hi li l-attivita' tkun Snajja Tradizzjonali tal-Lokal. Għad irid jiġi diskuss fuq kemm ġranet għandha issir l-attivita' jekk hux ġurnata jew *weekend* sħiħ.
Is-Sinjura Agius qalet li jkun tajjeb jekk jiġu avviċinati l-Għaqdiet tar-raħal biex il-ġurnata li tingħażel ma tkunx ser issir x'attivita oħra minn xi għaqda oħra tar-Raħal.

4. Is-Segretarju qalet li dwar il-Kunsill taż-Żgħażagħ 2010/2011, din l-applikazzjoni ġiet estiża w l-MEEF qalet li hemm xi żgħażagħ li wrew interess.

**Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

1. Mid-Dipartiment Memo 45/2010 dwar PPP fuq toroq gie assenjat is-Sur Tabone sabiex ikun mgħarraf bl-iżviluppi kollha fir-rigward tat-*tender* ikkonċernata. Lis-Sur Tabone bagħatnilhu wkoll l-Iskeda ta' kif ser jitqassam ix-xogħol u nfurmajnih bid-data tad-dehra tal-avviż tal-offerta.
Mid-Dipartiment infurmawna dwar l-Iskema ta' Għajnuna finanzjarja għal korsijiet Lifelong Learning dwar ir-reġistrazzjoni għal kull kors sabiex jintbagħatu sa l-20 ta' Awwissu.
Gejna infurmati li se jsir tahrog għall-Impjegati tal-Libreriji kif ukoll se jsir *workshop – EU Funding Opportunities* id-data meta se jsir tingħata aktar tard..

Memo 93/2010 – Applikazzjonijiet Korsijiet fil-Kunsilli Lokali *Lifelong Learning* irċevejna it-tariffi tal-korsijiet.

Memo 105/2010 – Formoli biex jinbidlu in-numru ta' persuni li jabitaw fl-istess dar minħabba ċ-ċekkijiet tal-*Energy Allowance*.
Memo 107/2010 – A.L. 374 ta' l-2010 – Regolamenti tal-2010 dwar *Allowance* lis-Sindki u lill-Kunsillieri Lokali.
Memo 108/2010 – Taxxa Kontribuzzjoni tas-Sigurta' Soċjali fuq l-*Allowance* lill-Kunsillieri.
Memo 109/2010 – Użu tal-*mobile phones*. Il-Kunsilliera għandhom jużaw it-telefon ċellulari tagħhom mingħajr kumpens mill-Kunsill.
Memo 110/2010 – Sejħa għall-Proposti ta' Proġetti taħt il-Fond Soċjali Ewropew(FES). 1. Insahhu l-Edukazzjoni u Ħilitna, 2. Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza u l-Inkluzjoni fis-Suq tax-Xogħol.
Dwar din il-Memo is-Sindku qal li jixtieq japplika biex jekk it-Turretta tiġi devoluta lill-Kunsill fiha jsiru korsijiet tal-kompjuter u tagħlim ta' l-artiġġjanat.
Memo 111/2010 – Dwar *prostectus* tal-*Evening Classes* biex jitqassmu mill-Kunsill.
Memo 112/2010 – Ratifikazzjoni ta' aktar artikli tal-*European Charter of Local Self Government*. Ic-*charter* jobliga lil kull stat firmatarju li jintrabat minn ta' lanqas ma' 20 minn 30 artklu tal-ewwel parti tac-*charter*.
Memo 113/2010 – Xogħolijiet f'448 triq f'47 lokalita'.
Memo 114/2010 – Żbir ta' siġar.
Memo 115/2010 – M.P. Nru. W 93 – Restrizzjonijiet għal *heavy vehicles to render a service*, fejn din ġiet imwieġba.

2. Mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn infurmaw dwar Ċirkulari 43 – Il-Ħlas għat-tariffi ta' Ġbir ta' Skart lill-WasteServe biex il-Kunsill iħallas biss l-ammont li ġie mogħti mill-Gvern.
Infurmaw ukoll li dwar il-Youth in Action Project – Italja, fejn ġie magħżul Owen Farrugia minn naħa tal-Kunsill.
Għarrfu dwar Ċirkulari 45/2010 – Fejn talbu l-Kunsill li jridu jidhlu fli-skema biex spetturi jakkumpanjaw lill-kolletturi waqt il-gbir matul gimgha partikulari..
Stqarrija għall-Istampa Nru. 13/2010 – Ħatriet – Reġjun Nofsinhar Vici President Jesmond Aquilina u Reġjun Xlokk inhatar Vici President is-Sur Joe Attard..
Infurmaw dwar Ċirkulari 47/2010 – Laqgħa tas-Sindki li kienet ser issir Għawdex ġiet imħassra u ser issir fil-Lukanda Dolmen, Bugibba, bejn it-22 u t-23 ta' Ottubru, 2010.

3. Mill-M.E.P.A. rċevejna dwar Applikazzjonijiet Ġodda ta Żvilupp Nru. PA 2710/10 għal kostruzzjoni ta' faccata fi Triq St.Tereża.
Applikazzjoni Nru. PA 2891/10 dwar korrezzjoni ta' PA 7271/03 fi Triq Dun M. Mallia.
Irċevejna Applikazzjonijiet Ġodda ta' Żvilupp Nru. PA 2394/10 dwar kostruzzjoni ta' ħanut fil-Bypass.
Applikazzjoni Nru. PA 3062/10 dwar twaqqiegħ u kostruzzjoni ta' *maisonettes* fi TRiq il-Bizzilla.

Mill-MEPA infurmaw ukoll li ghall-*Amendment* ta' PA 3123/10 tal-Kunsill hemm xi *extra charges* involuti ta' 81.52 Euro.
Infurmaw ukoll dwar il-bilanċ li l-Kunsill għandu fir-rigward tal-UIF Funds li huwa ta' €17,302.

4. Mill-MEEF – EDUC dwar Applikazzjoni għal Korsijiet tal-Adulti fil-Kunsilli Lokali.

5. Mill-OPM infurmaw dwar it-taħriġ li ser isir għas-Segretarji Eżekuttivi fl-24 u s-27 ta' Awwissu, 2010.

   Infurmaw ukoll li ser issir laqgħa oħra għas-Segretarji fil-25 ta' Awwissu, fejn il-Kunsilli ser jingħataw iċ-ċans li jbiegħu xi tip prodotti fuq l-internet..

6. Mit-Turiżmu fejn irċevejna stedina għall-diskussjoni dwar *Developing and enhancing excursion programmes*. Il-Kunsill mistieden jagħmel appuntament mas-Sur Julian Zarb biex jiġu diskussi opportunitajiet sabiex Ħal Għaxaq ikun inkluż fil-programm għat-turisti.Il-Kunsill qabel li jsir appuntament mas-Sur Zarb.

7. Mill-Kultura fejn xtaqu jkunu jafu id-dettaliji tal-Kunsillier responsabbli mill-kultura.

8. Mingħand l-Enemalta fejn ikkonfermaw iż-żewġ bozoz ġodda fi Trejqet Santu Kristu. Infurmaw ukoll li fir-rigward tat-talba li l-Kunsill kien għamel għal bozza ġdida fi Triq B'bugia qalulna li jekk issir *maintenance* fuq dik il-bozza preżenti li hemm l-area tiġi mdawla.

9. Mingħand Għaxaq FC infurmaw ukoll li jixtieqù jiltaqu mal-Kunsill fir-rigward tal-manutenzjoni li qed issir fil-ground li hemm fix-Xagħra. Il-Kunsill qabel li jsir appuntament mal-Għaxaq Football Club.

10. Mingħand l-Ispettur Portelli tad-Dipartment Investigazzjoni Kriminali fejn talab sabiex isir il-laqgħa ta' kull xahar i.e. Awwissu.

11. Irċevejna stedina għall-Kunsill mingħand il-Kappillan, għall-quddiesa ta' Jum it-Tridu fil-11 ta' Awwissu, 2010.

12. Irċevejna stedina mill-Għaqda Mużikali St.Marija għall-Programm Vokali u Strumentali fil-11 ta' Awwissu, 2010.

13. Mingħand Airion, A.Zarb u A. Vassallo, fejn tawna kwotazzjonijiet għal covers tal-arbli tal-festa. €11.95, €19.12 u €16.20 rispettivament. Il-Kunsill għażel l-orħos offerta iżda xtaq li s-Sur Vassallo tal-Airion iġib kampjun qabel ma' ssir l-ordni għall-*covers*.

14. Mill-WasteServ Malta Ltd., infurmaw li ser iniedu xi korsijiet għal pubbliku. Għal din il-laqgħa attenda s-Sindku. Is-Sindku qal li jixtieq jibgħat ċirkulari biex ir-residenti jkunu jafu x'qed toffri il-WasteServ. Il-Kunsill qabel.

15. Irċevejna ittra mingħand is-Sinjura Agius dwar *Speed limits in all towns /village centres and residential areas*, artikoli li deheru fuq gazetti. Il-Kunsillier Attard qal li jkun aħjar jekk fil-*Bypass* issir tabella ta' l-*ispeed limit* għax il-karozzi jgħaddu jsuqu b'mod eċċessiv. Sar qbil li tintbagħat ittra lill-Transport Malta dwar dan.

16. Mingħand R. Vella ta' Inspire dwar *Cycling for a Cleaner Future*.

17. Irċevejna ittra anonima, fejn ilmentat dwar il-kunċerti li saru mill-Għadqa Mużikali St.Marija.

18. Mill-Kunsill Lokali Qrendi – Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun tan-Nofsinhar.
Infurmaw ukoll dwar il-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv – Reġjun Nofsinhar.
Infurmaw ukoll li hemm stedina għal Seminar mill-MEPA fit-3 ta' Settembru, 2010.

19. Mill-Econing fejn bagħatulna r-rapport sabiex jiġu nstallati pannelli fotovoltajiċi fil-bini tal-Kunsill.

20. Mill-GAL Xlokk fejn infurmaw li għandhom *short list* dwar il-bini ta' l-Uffiċċini.
Infurmaw ukoll dwar il-laqgħa li jmiss li saret fit-30 ta' Lulju, 2010.

23. Mingħand Piju Spiteri fejn bagħat informazzjoni għaliex għandhom jissemmew żewġ toroq fil-lokalita' għall-memorija ta' missier u ziju t'ommu.

24. Mill-MHEC infurmaw dwar il-Premju Anzjani tas-Sena, fejn bagħatu l-formola għan-nominazzjoni.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet e-mail lill-*Scan Computers* bħala ordni sabiex jinxtara kompjuter u xi sistemi oħra relatati.

b) Intbagħatet ittra bħala kjarifika għar-ritratt li deher fil-faċċata tal-Fuljett tal-Kunsill lis-Segretarju Għaqda Mużikali St.Marija.

ċ) Intbagħatu ittri lis-Sinjuri Bezzina u Mifsud rispettivament dwar l-Offerti tagħhom għal knis u tindif tat-toroq sabiex jiġu ċċarata xi affarijiet.

d) Ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Pulis għas-suġġerimenti tiegħu.

e) Lill-*Malta Transport Centre* sabiex darba fix-xahar il-Ħadd tkun *Car Free Day* minn Triq St.Rokku u Triq St.Tereża.

f) Lill-Direttur għall-Gvern Lokali fejn xtaqna kjarifikazzjoni jekk sit partikolari jaqax taħt il-konfini ta' Ħal Għaxaq, fejn ġejna nfurmati li dik il-parti tagħmel mal-Gudja u mhux ma' Ħal Għaxaq.
Intbagħatu wkoll lid-Dipartiment ir-registrazzjonijiet kollha għal kull kors tal-*Lifelong Learning* via e-mail u anke bil-posta.

g) Lill-Maltapost fejn infurmajnihom li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-*letter box* titwaħħal fil-viċinanza tal-ħanut '*Marcham Stationery*'.

h) Intbagħatu ittri lill-Entitajiet bħal Go p.l.c., WSC, Melita Cable p.l.c., Dipartiment tad-Drenaġġ, Enemalta, sabiex ikunu mgħarrfa bit-toroq li ser nagħmlu u jekk ikunu jrid jagħmlu xi manutenzjoni f'xi triq partikolari jinfurmawna sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Settembru, 2010.

i) Intbagħatet e-mail lid-Dipartiment fejn infurmajnihom li ridna password oħra għal l-iskrivani, fejn wieġbuna li dan jista' jsir ghal hlas ta' € 98.85 fis-sena.

## 4. Materji Finanzjarji

*4.1.1* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Lulju li kienu jammontaw għal €5.50. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€5.50 għall-*petty cash*.
Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Picco.

*4.1.2* *Skeda ta' Ħlas – Lulju 2010*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Lulju 2010 u li jammontaw għal €52,911.73. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġie sekondat mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Kuntratti

Dwar il-kuntratt ta' *Street Sweeping and Cleaning GhLC06/10*, is-Segretarju qalet li xtaqet tiċċara li l-offerta ta' Charles Zammit, il-Kunsill qal li kienet għolja filwaqt li ta' Glenn Dalli Hili u Karl De Flavia fl-offerta ma' kienu qed joffru xejn ħlief il-knis tar-Raħal. L-offerta ta Jason Gatt filwaqt li kienet baxxa lanqas kienet tkopri salarju ta' persuna waħda jiġifieri dan kien se jaħdem bi bniedem waħdu li l-Kunsill qal li kienet ħaġa mpossibbli li r-Raħal jinkines minn persuna waħda u jinżamm nadif. Minħabba dan kollu, il-Kunsill iddeċieda li jagħżel l-aħjar offerta bejn Wilson Mifsud u dik ta' Ronald u Chris Bezzina.

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sinjuri Wilson Mifsud u Ronald u Chris Bezzina fejn kellhom jiċċaraw l-offerti tagħhom f'hiex kienu jikkonsistu eżatt.

Is-Sur Abdilla qal li hu mhux konvint ma' liema offerta jaqbel jew ma jaqbilx għalhekk l-aħjar isir bord ta' aġġudikazzjoni magħmul minn preżenza ta' nies li mhux membri tal-Kunsill biex isir rapport dwar it-*tenders* tal-Knis, l-*iScammel* u l-*iSkips* u wara jiddeċiedi l-Kunsill.

Hawnhekk is-Sindku qal li ma jixtieqx ikun fil-bord ta' l-għażla għax sar jaf li kien jaħdem ma' missier wieħed minnhom.

Il-Viċi Sindku propona li jgħid lis-Sur Justin Tabone u lis-Sur Joseph C. Azzopardi persuni li qegħdin fil-Bord tal-Finanzi biex ikunu fil-Bord ta' Aġġudikazzjoni. Qal li qed jitlob il-permess tal-Kunsill biex jieħu foto kopji tat-*tenders* tal-knis, ta' l-*iskips* u ta' l-*iScammel* minħabba li fihom ħafna figuri u biex dawn jiġu evalwati jieħdu iż-żmien. Il-Viċi Sindku qal li flimkien ma' dawn it-tnejn ikun hemm hu w is-Segretarju ex-ufficcio. Is-Sinjura Agius ma qalitx li trid tkun fil-bord iżda qalet li l-aħjar ikun hemm nies li jifmhu fis-suġġett. Il-Kunsill qabel.

Wara din id-diskussjoni infetħu t-*tenders* ***Resurfacing of Roads under the Public Private Partnership Scheme GhLC08/10.*** Għal din it-*tender* kien hemm żewġ offerti, dawn kienu mingħand:

1. Silas Joint Venture: *Excavation €16.50 per cubic metre*
   *Tarmac base course 60mm thick* €12 *per square metre*

2. Bonnici Bros. Ltd.: *Excavation €18.80 per cubic metre*
   *Tarmac base course 60mm thick €11.20 per square metre*
   *Declared no subcontracting will be carried out*

Il-Kunsill qabel li dawn iż-żewġ *tenders* jgħaddu għand il-Perit għall-evalwazzjoni..

**6. <u>Suġġerimenti mill-Kunsilliera</u>.**

1. Is-Segretarju qalet li qabel ma' jibdew is-suġġerimenti qalet li waqt li kienet fuq qadi relatat max-xogħol għand il-*Water Services Corporation* bil-karozza tagħha, x'ħin ħarġet mill-uffiċċju tal-*Water Services* sabet il-mera tal-karozza mkissra u għalhekk talbet li tiġi kkumpensata mill-Kunsill. Il-Viċi-Sindku staqsa jekk kienx hemm rapport tal-Pulizija, jew xhieda ta' dan. Is-Segretarju qalet li kif irritornat l-uffiċċju kien hemm is-Sindku flimkien maż-żewġ skrivani tal-uffiċċju. Qalet ukoll li meta ċċekjat sabet li din il-mera tiswa' aktar minn €200. Qalet li hi ma tixtieqx tuża l-karozza privata tagħha għal qadi tal-uffiċċju minħabba li hi m' għandhiex *allowance*. Il-Kunsill talab lis-Segretarju tagħmel rapport u jiġi ffirmat ukoll mill-iskrivani u wara jiddeċiedi.

2. Il-Kunsillier Picco staqsa jekk is-*Survey* li kellu jagħmel il-Kunsill sarx. Is-Sindku qal li dan qiegħed isir. Is-Sur Picco staqsa jekk il-Kunsill jistgħax jagħmel permess lill-MEPA biex isir monument ta' l-annimali. Is-Segretarju qalet li l-Kunsill ma jistgħax jitlob permess għal ħaddieħor għajr il-Kunsill. Is-Sindku qal li jekk il-monument isir flimkien mal-Kunsill, il-Kunsill ikun jista' jagħmel parti mix-xogħol. Il-Kunsill qabel.

3. Il-Kunsillier Agius qal li hemm il-ħtieġa li ssir *STOP sign* fi Triq id-Dejl kantuniera ma' Triq il-Miksur. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sinjura Agius qalet li hemm *skips* li mhux qed jitnaddfu u jeħtieġ ngħidu lill-kuntrattur biex inaddafhom. Il-Kunsill qabel.

5. Is-Sinjura Agius staqsiet jekk ikunx aħjar jekk l-Għaqdiet tar-Raħal jiġu mistoqsija dwar l-attivitajiet li jkunu se jagħmlu u meta, biex attivitajiet fir-Raħal ma jsirux flimkien. Is-Sindku qal li ma' tista' tobbliga lill-ħadd meta jagħmel l-attivitajiet tiegħu.

6. Il-Kunsilliera Agius qalet li fejn Ġnien 2000 hemm konsentura fil-ħajt. Is-Sidku qal li dan il-ħajt ġie milqut minn ħaddiema tal-*Faces* li qed jaħdmu fuq li *stage* tal-karozza tal-linja. Qal ukoll li dan ser jirranġawh huma.

7. Il-Kunsillier Attard qal li hemm il-ħtieġa li jinġab *bowser* ta' l-ilma biex tinħasel il-pjazza w insaqqu s-siġar. Il-Kunsill qabel.

8. Is-Sindku qal li jeħtieġ niktbu lil tal-*Environmental Landscapes Consortium*, biex ikomplu jiżbru s-siġar tal-Bypass. Il-Kunsill qabel.

9. Is-Sindku qal li qed issir problema rigward il-gabbani quddiem il-Każin ta' Santa Marija minħabba li mhux qed ikun hemm fejn jarmaw il-gabbbani bit-*toys*. Il-Kunsill qabel li jitħallew dawk tal-qubbajt biss u li l-gabbani l-oħra jitmexxew lejn il-Pjazza ta' Santu Rokku.

10. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw 100 borża tarmak għat-toroq. Il-Kunsill qabel.

11. Is-Sindku qal li l-iskrivan Ruben Dimech talab għall-uniformi. Is-Segretarju qalet li Ruben kien diġa' staqsa lilha u qaltlu li mhux għalissa minħabba li jrid jgħaddi ftit mien. Il-Viċi-Sindku qal li dan l-ewwel irid jagħmel 6 xhur *probation* u wara tinxtralhu l-uniformi. Il-Kunsill qabel.

12. Is-Sindku qal li bejn il-25 u l-31 ta' Awwissu '10 ser ikun imsiefer Bilbao, Spanja u għalhekk il-Viċi-Sindku ser jieħu il-kariga ta' Agent Sindku. Is-Sindku qal ukoll li se jintaqa' mas-Sindku ta' Bilbao u talab li jagħti tifkira lis-Sindku ta' Bilboa f'isem il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li tinxtara tifkira.

13. Il-Kunsillier Attard qal li l-lapida li kien hemm fuq Santu Rokku u li kienet saret meta ġie s-Sindku ta' Denmark nsterqet. Il-Kunsill qabel li issir oħra minflokha.

14. Il-Kunsillier Attard qal li hemm il-ħtieġa li jsiru tabbelli tan-*No Parking* fi Triq Santa Marija, l-għada il-Ġimgħa, 20 ta' Awwissu, 2010, minħabba il-wirja tal-karozzi antiki. Il-Kunsill qabel.

15. Il-Viċi-Sindku qal li dik il-ġimgħa tal-festa ta' Santa Marija, il-Pjazza tar-Raħal wisq jew xejn ma' nkinset għax kien ikun hemm ħafna ħmieġ.

## 9. Aġġornament

Is-Sindku fil- 5.00pm aġġorna s-Seduta għal nhar il-Ħamis, 16 ta' Settembru, 2010, fis-2.00pm.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati:- Il-Ħamis, 16 ta' Settembru, 2010, fis-2.00pm.**